MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 251/2002/1

**QORTI CIVILI  PRIM' AWLA.**

**IMHALLEF**
**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI  LL.D.**

**Illum, il-Gimgha 18 ta' Gunju, 2004.**

**Kawza Nru:**

**Citaz Nru: 251/02 JA.**

**Charles Grech.**

**-vs-**

**Fruit and Fish Importers Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha l-attur ppremetta:

Illi fit-22 ta' Marzu 2001 inqatghet kontrih sentenza citazzjoni numru 2832/96 CFS u gie dikjarat debitur lejn l-istess socjeta' illum konvenuta ghas-somma ta' erbat elef lira maltin u bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bl-atti tal-istess kawza, tant li s-socjeta' bil-permess tal-Qorti adottat il-procedura tan-notifika permezz tal-gazzetta tal-Gvern u permezz tal-gurnali lokali.

Illi madankollu l-informazzjoni ippubblikata fl-istess gazzetti ma kenitx tajba dan ghaliex ma saritx riferenza cara u identifikabbli ghall-esponent Charles Grech li joqghod Flat 14, Blk C Qasam tal-Bini tal-Gvern, Birzebbuga imma minflok ghal-Charles Grech li joqghod Johan Flats, Flat 2 Tank Street, B'Buga.

Illi l-esponent qatt ma kien jirrisjedi fl-indirizz Johan Flats, Flat 2 Tank Street, Birzebbuga.

Illi inoltre ma nghatawx aktar dettalji tieghu bhal per ezempju l-identity card number.

Illi ghalhekk l-esponent qatt ma setgha jsir jaf bl-ezistenza tal-proceduri tac-citazzjoni kkwotata u llum attakkata qabel inqatghet l-istess sentenza.

Illi fl-10 ta' Settembru 2001 saret talba ghal-mandat ta' Qbid sabiex tigi ezegwita fl-istess sentenza fl-indirizz it-tajjeb jigifieri Flat 14, Blk C Qasam tal-Bini tal-Gvern, Birzebbuga.

Illi l-istess mandat gie esegwit fil-31 ta' Ottubru 2001.

Li l-attur jinnaviga fil-bahar f'distanzi twal ghas-sajd, dakinhar kien fuq il-bahar u rritorna madwar hamsa u ghoxrin gurnata wara.

Illi malli wasal huwa sar jaf bl-akkadut u xi tlett gimghat wara permezz ta' l-avukat tieghu skopra bl-ezistenza ta' l-izball li sar fil-procedura ta' l-istess sentenza illum attakkata.

Illi ghalhekk huwa ma kellux l-opportunita' li jiddefendi ruhu kif jixraqlu stante li ma saritx notifika tac-citazzjoni lilu u inoltre huwa qatt ma attenda ghas-smigh ta' l-istess kawza u b'hekk tilef l-istess kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Marzu 2001 l-ismijiet Fruit and Fresh Importers Limited vs Charles Grech, citazzjoni numru 2832/96CFS a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-Kodici tal-Procedura ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq citata kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fit-3 ta' April, 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet:

1. Illi preliminarjament, in-nullita' tal-proceduri ta' ritrattazzjoni stante li t-talba ghal istess ritrattazzjoni ma saritx fi zmien tlett xhur ai termini tal-Artikolu 818(1) sub-incis (b) tal-Kap. 12.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u subordinatament, in-nullita' tar-ritrattazzjoni billi l-attur irid jipprova illi sar jaf bis-sentenza fl-ismijiet premessi wara li skadew ghoxrin gurnata ghal appell tal-istess sentenza u dan ai termini, tal-Artikolu 812 tal-Kap. 12.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-attur gie notifikat regolarment permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

4. Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, anki meta l-istess attur m'ghamilx talba ghall-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Victor Farrugia ID 841347(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi t-talbiet attrici huma preskritti primarjament ai termini tal-artikolu 818 (1) illi jghid tasssattivament illi r-ritrattazzjoni ma tistax tintalab wara t-trapass ta' tlett xhur, f'dan il-kaz minn meta l-attur sar jaf bl-ghoti tas-sentenza illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Il-Qorti se tikkoncentra l-hsieb fuq din l-

eccezzjoni peress li ovvjament jekk tigi akkolta, ma jkunx hemm lok li wiehed joqghod jezamina l-eccezzjonijiet l-ohra.

Fil-fehma tal-Qorti hu jidher car li l-legislatur hass li kellu jimponi zmien li wara t-trapass tieghu kull kawza ma tistax tigi attakkata iktar u dan ghal ragunijiet ovvji. Ma jistax ikun li jibqa' element ta' incertezza wara li jigi stabbilit dritt wara process gudizzjarju anke jekk jirrizulta xi wahda mill-possibiltajiet li l-ligi tahseb fihom bhala ragunijiet tajba biex tintalab ritrattazjoni. Dan ir-ragunament hu imsahhah b'zewg fatturi importanti. L-ewwelnett li l-ligi issemmi il-kliem *f' ebda kaz.* Ma jistax ikun hemm affermazzjoni daqshekk cara fir-rigward, specjalment meta dan is-subartikolu jigi wara

subartikolu li jindika meta jibda' ghaddej it-terminu ta' tlett xhur fil-kazi kontemplati bhala li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni.

Hemm imbaghad il-fatt illi l-artiklu 819 jghid;

*Iz-zmien imsemmi fl-ahhar artikolu huwa perentorju.*

Fil-kaz in ezami wiehed irid jara meta ezattament l-attur sar jaf bil-kawza. Fl-affidavit tieghu huwa ghamilha cara li sar jaf fil-bidu ta' Dicembru 2001 u intavola l-kawza fil-4 ta' Marzu 2002. Jekk hu sar jaf bil-kawza fit-2 ta' Dicembru 2001 ghaliex kien dam hafna fuq il-bahar, il-kawza kellha ssir entro t-2 ta' Marzu 2002 izda jidher li dakinhar kien is-Sibt u kwindi l-ewwel opportunita' wara dik id-data biex jippresenta l-kawza kien appuntu l-4 ta' Marzu 2002 ghaliex dik kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol disponibbli wara t-2 ta' Marzu. Dan ghaliex l-ariklu 108 tal-Kap 12 jipprovdi illi meta xi zmien legali jiskadi f' jum pubbliku iz-zmien jigi jiskadi fl-ewwel gurnata sussegenti li ma tkunx jum pubbliku.

Il-Qorti taghmilha cara li tara stramb li l-attur qaghad jistenna ezatt il-perjodu indikat mill-ligi biex jippresenta l-kawza l-iktar ghaliex fid-dikjarazzjoni tieghu hu qal li sar jaf bl-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid li sar wara s-sentenza imsemmija hamsa u ghoxrin gurnata wara illi saret din l-esekuzzjoni u cioe’ wara il-31 ta’ Ottubru 2001. Dan allura jikkontrasta ma dak li hu kontenut fl-affidavit. Madankollu l-attur ma giex konto-ezaminat fuq dan il-punt u ghalhekk in effetti din id-depozizzjoni ma gietx kontradetta.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni hu car li ladarba l-attur sar jaf bis-sentenza wara l-esekuzzjoni, ma setax jappella minnha ghaliex kien skadielu zmien mhux tort tieghu, u allura l-uniku rimedju kien dak odjern.

Fil-mertu imbaghad il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-attur

ma giex debitament notifikat bic-citazzjoni ghaliex it-tentattivi ta’ notifika dejjem saru f’indirizz li qatt ma kien jabita fih u anke meta saret l-affissjoni u l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artiklu 187 (3) tal-Kap 12, baqa’ jigi notifikat f’dak l-indirizz zbaljat. Il-Qorti tittama li l-konvenut kien qed jagixxi in bona fede u fil-fatt hija konvinta li hu sab l-indirizz in kwistjoni fuq direttorju jew Registru Elettorali u ippresuma li dak kien l-istess Charles Grech li hu allegatament debitur tieghu. Mill-provi jirrizulta car li hu kien qed jabita f’fond iehor.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut ritrattat u tilqa’ t-talbiet tal-attur, u dan billi thassar is-sentenza imsemmija u tordna li l-kawza tinstema’ mill-gdid.**

**L-ispejjes ta’ din l-istanza huma bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------